**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 25

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 10 ta' Marzu 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 24

25.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erbgħa u għoxrin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

25.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Donio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament.

**Qabel ma l-kunsill mexa għall-item li jmiss, is-Sindku talab biex issir minuta ta' skiet b'rispett tal-mewt ta' Dun Ġużepp.**

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sur Dalli avża kif qed jidħlu ħafna lmenti dwar ir-reserved parkings li ħadu l-Ministeru fi Triq Sir Ugo Mifsud. Dawn ħadu 5 spazji u n-nies specjalment dawk li jgħixu fil-Qasam tal-bini tal-Gvern qed igergru. Is-Sur Dalli żied jgħid kif bħala Kunsill, nġibdet l-attenzjoni ta' TM dwar dan u TM qalet kif dawn il-parkeġġi saru skond il-policy fejn jidħlu reserved parkings għall-Ministeri. Għalhekk huwa qal kif intalbet kopja tal-policy u sa issa ma wasal xejn. Is-Sindku talab ukoll lil TM li jsiru tlett spazji biss reserved, jew nkella fl-istess akwata jridu jintroduċu r-*restricted parking* biex jipparkjaw ir-residenti biss. Issa l-kunsill qed jistenna mingħand TM biex tingħata data u jsir *meeting*.

25.3.2 Is-Sur Dalli tkellem fuq l-imejl mibgħuta mill-Ministeru għall-Inklużjoni u kwalita tal-ħajja li titratta dwar l-iskart li jinħareġ mir-residenti li jgħixu fil-bini tal-Gvern. Huwa qal kif dwar it-tibdil tal-post fejn jiġema l-iskart kien hemm proposta waħda alternattiva. Il-Post li ġie ssuġġeriet huwa ħdejn il-garaxxijiet tal-*flats*, in-naħa tal-ġibjun. Is-Sur Dalli qal li huwa għandu r-riservi tiegħu dwar dan is-suġġeriment u dan għaliex se jiġi viġin u taħt it-twieqi tar-residenti tal-flats. Hemm kwistjoni oħra ukoll li meta l-kunsill tkellem mal-kuntrattur, huwa qal li mhu xejn prattiku għalih li jiġbor l-iskart mis-sit li qed jiġi ssuġġeriet.

25.3.3 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ. Huwa qal li l-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ ser jidħol fit-tieni fażi tiegħu u jista jkun li ser jifdal xi flus aktar, żejda mill-istima li l-kunsill kellu ta' dan il-proġett. Jekk dan ikun il-każ is-Sur Dalli qal li rridu nkellmu l-Aġenzija ARPA biex jekk hu possibbli bil-flus li jifdal isiru ħitan fi partijiet oħra tar-raħal. Kemm il-darba l-ARPA taċċetta din il-proposta, is-Sur Dalli spjega kif il-Kunsill għandu quddiemu ħafna lmenti li bdiewa minn diversi akwati oħra ma kienux jafu li setgħu japplikaw biex jirrestawraw l-ħitan tagħhom.
Is-sindku qal ukoll li jekk ARPA tagħti l-aċċettazjoni tagħha huwa ser jerġa jressaq dan il-punt waqt seduta tal-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni dwar liema ħitan ser jiġu rrestawrati mill-kumplament li baqa u huma fil-bżonn li jsiru.

25.3.4 Is-Sur Dalli tkellem fuq każ fi Triq Ġ.Cali. Huwa qal li kif diġa kienu nfurmati l-kunsilliera, fi Triq Ġ.Cali saret miżura biex l-kunsill ipproteġa *MC bay* u jidher li din l-miżura ħadmet. Iżda, xorta daħlu lmenti oħra, fejn hemm bżonn li ma' ġenb garaxx kbir minnhom li hemm fit-triq, isiru *double yellow lines* ta' metru biex jipproteġu d-dħul u l-ħruġ. Għalhekk is-Sur Dalli ppropona li tigi protetta l-MC bay ta' ħdejn il-garaxx u titneħħa l-*MC bay* li hemm aktar il-ġewwa għax huwa anke qal kif faċċata ta' din il-*bay* jidhol parkeġġ ieħor ta' karozza.

25.3.5 Is-Sur Dalli qal kif wasal iż-żmien li l-kunsill jinvesti f'aktar flus mir-Reġjun biex jiġu nstallati 3 fanali oħra fi Sqaq nru 1 Triq il-Kunċizzjoni. Huwa żied jgħid kif l-bozoz l-antiki li jinqalaw mill-isqaq jistgħu jintużaw u jitweħlu fi Ħalmann, minn naħa tal-Kappella tal-Kunċizzjoni.

25.3.6 Is-sindku tkellem fuq l-proġett ta' *Spinning photos* mar-Reġjun. Huwa qal li ser jitkompla dan il-proġett ta' 360, fejn ser jiġu nklużi żewġ monumenti oħra bi spejjeż għar-Reġjun. Kemm il-darba l-kunsill kollu jaqbel, is-Sur Dalli ppropona li jiġu nklużi t-Torri u l-Mitħna. Il-Kunsill kollu qabel.

25.3.7 Is-Sur Dalli tkellem dwar l-*Oleanders* fil-pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Fuq parir ta' Peter Callejja u skond ir-rapport li huwa ħejja għal kunsill huwa qal li alissa ra tlett oleanders tajbin mingħand *Parisio Nursery*. Huwa ser jġib prezz tajjeb tagħhom bit-tħawwil nkluż biex jekk filkas dawn jitweħlu fil-konok li huma vojta jew inkella f'konok fejn l-*Oleander* li hemm preżenti mwaħla tkun qed tmut.

## 25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

25.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 25.5 Laqgħa Annwali tal-Lokalita – L-ewwel laqgħa għas-sena 2021

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Minħabba l-pandemija ta' COVID-19 hija qed tissuġġerrixxi li din l-laqgħa terġa ssir onlajn billi jintbgħat komunikat fid-djar kollha lir-residenti b'din l-informazzjoni fejn ikunu nfurmati meta ser tinżamm din il-laqgħa u kif jistgħu jagħmlu biex isegwuha u kif ukoll jipparteċipaw.

25.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif ir-rapport amministrattiv ser jiġi diskuss aktar il-quddiem tul il-laqgħa bħala l-item li jmiss u r-rapport finanzjarju u l-pjan ta' Ħidma diġa ġew approvati fi seduti preċedenti. Kopja ta' dawn id-dokumenti ntbgħatu bl-imejl minn qabel lil kunsilliera kollha.

25.5.3 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir onlajn fis-6 t'April 2021 fis-6:30pm.

## 25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020

25.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja tar-rapport amministrattiv li hija preparat għas-sena 2020. Dan ir-rapport kien jinkludi fih ukoll ir-rapport ta' ħidma tal-kunsilliera kollha. Kopja tar-rapport Amministrattiv intbgħat lis-sindku u l-Kunsilliera minn qabel.

25.6.2 Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif dan ir-rapport jispjega fid-dettal l-ħidma li saret mill-kunsill kollu tul is-sena 2020. Apparti l-ħidma li wettaq l-kunsill, dan ir-rapport jiġbor fih ukoll stampa ċara tal-iskemi kollha li l-kunsill applika għalihom; tal-attivitajiet u meetings li attenda; tas-servizzi li ġew mgħottija lir-residenti; lista ta' proġetti li twettqu għal ġid tal-komunita; dettalji dwar l-infiq u d-dħul tal-kunsill matul is-sena sħiħa u ħafna aktar dettalji bħal dawn.

25.6.3 Ir-Rapport Amministrattiv ppreparat għas-sena 2020, ġie approvat unanimament mill-kunsill, biex jiġi preżentat fil-laqgħa tal-lokalita li ser ssir fis- 6 t'April 2021.

## 25.7 Korrispondenza

25.7.1 Il-Kunsilliera għamlu domandi fuq diversi imejls u ttri li kienu mniżżla fir-rapport tal-korrispondenza, iżda s-sur Dalli ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv kif mhux il-bżonn li dawn id-domandi jitniżlu kollha fil-minuti peress li ħafna mill-imejls/ ittri li ntalbu l-klarifikazzjonijiet dwarhom m'humiex ta' materja daqshekk importanti anzi pjuttost sempliċi u ċari mmens. Il-Kiunsilliera reġgħu ġew mħeġġa jaraw l-file tal-korrispondenza minn qabel il-laqgħa.

25.7.2 Is-Sur Cini xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza bi numru 0069/21. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmatu li dik korrispondenza bejn greenpak u l-kunsill biex jiġi mġedded l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart riċiklat sal-aħħar tas-sena, bi possibilita li jiġġedded għal sena oħra, peress li l-kunsill għadu ma jafx eżatt jekk fi 2022 l-iskart kollu mhux ser jibda jinġabar żgur mir-Reġjun Ċentru.

25.7.3.1 Is-sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru 0078/21. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik kienet korrispondenza bejn il-Kunsill u AKL fejn hija kkomunikat ma' AKL biex tissottometti applikazzjoni bħala proġett ta'

*slow streets* fejn applikat f'isem il-kunsill biex isiru sinjali ta' 20km/hr fir-raħal kollu u biex jinxtara van *electric*. L-AKL bgħatet risposta lura lil kunsill fejn qalet li dawn iż-żewġ proposti ma jaqawx taħt l-kunċett tal-proġett ta' *slow streets* u għalhekk ma ġewx aċċettati. L-AKL bil-frażi '*slow streets'* qiegħda tfisser aktar li jitwettaq proġett favur it-tnaqqis tat-traffiku bħal pereżempju tingħalaq pjazza biex ma jgħaddux l-karozzi u ssir aktar pedonali.

25.7.3.2 Is-Sindku qal kif il-pjazza ta' Ħal Lija ma tistax tingħalaq żgur għaliex inkella ser jispiċċa jkun hemm effet negattiv fuq l-ħwienet li jinsabu f'din l-akwata għax min jmur jixtri mingħandhom ma jkollux fejn jieqaf jipparkja viċin. Dwar dan il-punt is-sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet biex allura l-kunsill jikkunsidra li Triq Enejja ssir pedonali. Is-Sindku żied jgħid li huwa anke tħadded mal-kunsillier Cini li tista tingħalaq Triq Sant Andrija u ssir pedonali pereżempju fil-weekend. Pero s-sindku qal li din hija xi ħaġa tal-ħsieb u qabel wieħed jikkommetti ruħu jrid jaħseb sew anke dwar l-impatti negattiv li l-proġett jaf jikkawża.

25.7.4 Is-sur Zahra staqsa dwar korrispondezu numru 0087/21 bl-isem '*Pigeon problem'*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dik kienet korrispondenza mingħand resident fejn qed jilmenta fuq l-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku qal kif dan l-aħħar, ftit li xejn l-kunsill sema bi lmenti dwar l-ħmieġ tal-ħamiem, pero jidher li qisu issa din il-kwistjoni reġgħat qed tqum. Soluzzjoni dwar l-problema tal-ħamiem suppost qiegħda tinstab mill-AKL, li qed tagħmel minn kollox biex tassisti lil kunsill biex tnaqqas l-ħmieġ tal-ħamiem.

## 25.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

25.8.1.1 <u>Konnessjonijiet diġitali tad-data ġodda pprovduti mill-MITA</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv fil-qosor għarfet lil kunsilliera kif MITA ser tibda topera b'ċertu konnessjonijiet diġitali tad-data ġodda li huma aktar siguri u għalhekk l-kunsill ser ikollu jibdel xi konnessjonijiet huwa stess li qiegħdin imqabdin man-network tal- MITA. L-ewwel fażi tat-tibdil diġa saret fejn l-kunsill ingħata u ġiet installata fl-uffiċċju l-MITA *MAGNET Connection* il-ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li ssa jmiss it-tieni fażi tal-proċess fejn issir il-*'migration'* minn fuq l-konnessjoni l-antika għall-konnessjoni l-ġdida biex b'hekk it-trażmissjoni tad-data tibda issir fuq in-network tal-gvern li għandu l-kunsill b'mod iktar sigur.

25.8.1.2 Biex titwettaq it-tieni fażi tal-proċess l-kunsill ġie nfurmat li jrid iqabbad lil kuntrattur tal-IT tiegħu biex jeqleb l-konnessjonni minn fuq dik l-antika għal dik ġdida. Is-Sinjorina Borg alissa nfurmat lil kunsilliera li peress li l-kunsill m'għandux kuntrattur tal-IT, intgħalbet l-għajnuna u sar kuntatt mal-IMU biex jassisti lil kunsill b'dan il-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li alissa qed tistenna risposta mingħand l-IMU dwar kif ser titwettaq it-tieni fażi. Hija spjegat ukoll kif il-kunsill jrid jagħmel din il-migration minn fuq in-network l-antik għan-network il-ġdid sal-24 ta' Marzu u jekk ma jkunx għamel il-migration sa dakinhar il-kunsill ser jispiċċa bla aċċess għax l-konnessjoni l-antika finalment ser tiġi maqtugħa. Allura hija spjegat kif ser iżżom lil kunsilliera nfurmati dwar din il-materja anke bl-imejl speċjalment jekk jkun hemm bżonn xi approvazzjoni ta' xi spejjeż relatati ma' dan il-proċess.

25.8.1.3 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan u ħallew f'idejn is-segretarju Eżekuttiv biex tara li kollox ikun qed jaħdem kif suppost.

25.8.2.1 <u>Fondi LESA- Proġetti fil-Komunitajiet</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-Aġenzija għall-Infurzar Lokali (LESA), b'kollaborazzjoni mal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL), qed terga tniedi l-inizjattiva ta' tqassim ta' fondi lura fil-komunità, permezz tal-Kunsilli Lokali. Kopja tal-linji gwida ta' din l-iskema intbgħatu bl-imejl lil kunsilliera qabel il-laqgħa. LESA qed tikkommetti ruħha li tinvesti lura fil-komunità, permezz ta' fondi ġġenerati miċ-ċitazzjonijiet. Hija kompliet tgħid li għal kull proġett, l-Aġenzija ser tkun qed tħallas sa 80% tal-proġett sa massimu ta' €80,000 għal kull proġett. Kull kunsill jista jibbenifika għal proġett wieħed u proposti għandhom jintbgħatu sa mhux aktar tard mit-30 t' April 2021 filwaqt li l-proġett, kemm il-darba jkun approvat irid jitwettaq sa 30 ta' Ġunju 2022.

25.8.2.2 Is-sinjorina Borg spjegat kif jistgħu jsiru diversi tipi ta' proġetti bħal perżempju proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' Titjieb fl-Ambjent, Trasport Alternattiv u aktar nadif, Infrastruttura Moderna, lokalitajiet aktar siguri, u wirt lokali u restawr. Għalhekk hija talbet lil kunsill kollu biex jiddeċieda fuq l-proġett li jixtieq jwettaq b'dawn il-fondi.

25.8.2.3 Is-Sindku talab lil kunsilliera biex sal-laqgħa li jmiss jaqraw sew il-linji gwida relatati ma' dawn il-fondi u kull min ikollu idea ta' xi proġett li jista jitwettaq għandu jibgħat l-proposta tiegħu bil-miktub għall-attenzjoni tas-segretarju eżekuttiv. Dan biex fis-seduta li jmiss jitellaw il-proposti u tittieħed deċiżjoni finali dwar liema proposta l-kunsill ser jagħżel biex japplika mal-LESA. Għalhekk din l-iskema ser tkompli tiġi diskussa fis-seduta li jmiss t'April.

25.8.3.1 **<u>SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda tal-kunsill l-iskema ta' finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

25.8.3.2 Reġgħat fakret kif dan il-finanzjament qed jiġi mgħoti mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali l-Arti u l-Gvern Lokali sabiex kunsilli lokali jkollhom l-għajnuna meħtieġa biex jiżviluppaw u jtejbu il-*playing fields* fil-lokalita. Din l-iskema il-kunsill kien diġa beda jiddiskuti dwarha fis-seduta li għaddiet u peress li għandu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu mar-Reġjun Ċentru sas-16 t'April 2021, hija talbet lil kunsilliera kollha biex b'mod unanimu jaqblu dwar il-proġett li ser japplika għalih permezz ta' din l-iskema. Dan biex hija tkun tista tissottometti l-applikazzjoni.

25.8.3.3 Is-Sur Dalli qal li huwa tal-parir li tiġi sottomessa applikazzjoni biex b'dawn il-fondi jinbidel il-*play equipment* li hemm fil-ġnien u jekk hemm bżonn anke it-tapit tal-art. Huwa spjega kif ikun għaqli jekk dawn il-fondi jiġu utilizzati għal dan il-għan peress li wieħed jista jifhem li l-*play equipment* jaf iqum ħafna flus biex jinbidel, wara l-ispiża li kellu jġarrab l-kunsill biex inbidel it-taraġ taż-żurżieqa.

25.8.3.4 Għalhekk kien hemm bqil b'mod unanimu biex issir applikazzjoni għal dan il-għan u filfatt is-Sindku, s-sur Dalli, flimkien mal-viċi sindku, s-sur Mallia, għandhom jiltaqgħu biex imorru fil-*playing field* u jagħmlu evalwazzjoni tal-*play equipment* u t-tapit biex jiddeterminaw x'huwa ta' bżonn li jinbidel l-aktar. Fuq bażi ta' din l-evalwazzjoni ser tkun umbgħad qed tiġi ppreparatha l-applikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv.

25.8.4.1 **<u>Implementazzjoni ta' *hand rail* fi Triq Sant Andrija sqaq nru 1</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill kwotazzjoni biex jitweħħel *hand rail* li qed jiġi mitlub mir-residenti anzjani biex issir fi Triq Sant Andrija sqaq nru 1. Bit-twaħħil, galvanizing u VAT dan il-*hand rail* ser jiswa lil kunsill l-ispiża totali ta' €389.40.

25.8.4.2 Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni li jsir dan il-hand rail.

25.8.5.1 **<u>Diskussjoni dwar imejl mibgħuta mill-uffiċċju tal-Ministru għall-Inklużjoni u kwalita tal-ħajja</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mibgħuta mill-uffiċċju tal-Ministru Julia Farrugia, għall-inklużjoni u kwalita tal-ħajja. Il-Kunsilliera kollha kienu nfurmati dwar xiex titratta din l-imejl peress li kopja tal-imejl ġiet mibgħuta lilhom minn qabel il-laqgħa. Fil-qosor is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif dan l-uffiċċju li jinsab fi Triq Sir Ugo Mifsud faċċata tal-bini tal-gvern, qed jitlob biex ma jibqawx jitpoġġew boroż tal-iskart viċin id-daħla tal-bini tal-gvern, li tiġi eżatti faċċata ta' dan l-uffiċċju. Il-kunsill ġie mitlub biex isib post alternattiv fejn jista jitpoġġa dan l-iskart.

25.8.5.2 Is-sindku qal kif dwar it-tibdil tal-post fejn jiġema l-iskart kien hemm proposta waħda alternattiva mis-Sinjorina Lorraine Farrugia. Il-post li s-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet huwa ħdejn il-garaxxijiet tal-*flats*, in-naħa tal-ġibjun. Is-Sur Dalli rringrazzja lis-sinjorina Farrugia ta' dan is-suġġeriment pero qal ukoll li huwa għandu r-riservi tiegħu dwar dan is-suġġeriment u dan għaliex l-iskart se jiġi viċin u taħt it-twieqi tar-residenti tal-flats. Hemm kwistjoni oħra ukoll li meta l-kunsill tkellem mal-kuntrattur, huwa qal li mhu xejn prattiku għalih li jiġbor l-iskart mis-sit li qed jiġi ssuġġeriet, peress li waħda mir-raġunijiet hija li ser jkollu jirriversja fil-*main road* biex umbgħad joħroġ mill-post.

25.8.5.3 Għalhekk ġie deċiż li alissa s-sindku jmur fuq il-post u jagħmel spezzjoni tal-akwata biex jara fejn idealment jista jitpoġġa l-iskart bla ma jikrea nkonvenjenza lil ħadd. Is-Sur Dalli qal li l-aħjar anke jikkonsulta ftit mar-residenti dwar dan. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fil-passat fejn il-garaxxijiet l-kunsill ġieli poġġa xi *skips* biex ir-residenti jitfaw l-iskart fihom pero ġara li umbgħad l-iskart beda jinxteħed bl-addoċċ, saħansitra anke barra jew fuq l-*iskips*. Is-sindku qal li *skips* illum l-ġurnata lanqas għadhom ideali għaliex imorru kontra s-separazzjoni tal-iskart.

25.8.5.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia anke ssuġġeriet li l-iskart jista jibqa fejn huwa pero forsi dan b'xi mod jitatta bi panel ħalli ma jkunx viżibli u ma jkerraħx l-akwata u meta l-kuntrattur imur jiġbor l-iskart jgħolli l-panel u jiġbor l-boroż. Is-sindku kkunsidra dan is-suġġeriment pero xorta għandu jmur jagħmel spezzjoni fuq il-post u jikkonsulta mar-residenti. Huwa ser iżżom lil kunsill aġġornat.

25.8.6.1 **<u>Bidla fl-operat tal-amministrazzjoni tal-kunsill inkonnessjoni mal-pandemija ta' COVID-19</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv espremiet il-ħsibijiet tagħha dwar l-operat tal-amministrazzjoni inkonnessjoni mal-pandemija ta' COVID-19. Peress li l-każijiet tal-covid-19 reġgħu qed jolew drastikament hija proponiet li l-amministrazzjoni terġa tibda topera b'ċertu sistemi u proċeduri li diġa kienu ġew addottati għal ċertu perjodu fis-sena 2020, għal benessere ta' kulħadd, kemm tal-impjegati u kif ukoll tal-pubbliku; u dan b'talli mod li s-servizz

mgħoti lil pubbliku ma jiġix affetwat u xorta jibqa għaddej b'ċertu ritmu fejn residenti jibqgħu jiġu mgħoqdija skond il-bżonn li jkollom.

25.8.6.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tispjega kif wara ċertu restrizzjoni li tkomplew jidħlu fis-seħħ u wara l-aħħar konferenza riċenti li saret mill-Priministru, mill-Ministru tas-saħħa u s-Supretendent tas-saħħa, fejn ġie proponut li jsir aktar l-użu tat-teleworking, hija tal-parir li l-kunsill alissa jieqaf idaħħal nies ġewwa l-uffiċċju, dan sakemm il-każijiet jerġgħu jonqsu. Hija qed tiproponi li fl-uffiċċju jidħlu biss l-impjegati biex ikunu jistgħu jaqdu dmirhom u xorta jagħtu servizz lil pubbliku kemm jista jkun bl-imejl, bit-telefon u mezzi oħra onlajn. Hija qed tħeġġeġ biex kemm jista jkun nies lejn l-uffiċċju ma jiġux sakemm ma jkunx veru bżonn urġenti. Hija spjegat kif l-impjegati huma kollha kapaċi jaqdu lir-residenti onlajn b'ċertu mezzi u saħansitra residenti stess qed jitolbu li pereżempju permess jintbgħat bl-imejl u jitħallas onlajn.

25.8.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li bħala pagamenti kemm jista jkun, residenti ser jintalbu jħalsu bl-online banking, meta dan ma jkunx possibbli jħalsu bi ċekk u fi każijiet ta' eċċezzjoni fejn wieħed ma jkollux lanqas ċekk ser jiġi mitlub jħallas bi cash eżatt biex ma jkunx hemm bżonn tingħata bqija. Apparti minn hekk il-kunsill ser jaħdem bi skeleton staff biex ikompli jitnaqqas l-kuntatt fiżiku u dirett anke bejn l-impjegati. L-impjegati kollha inkluż hija ser ikunu qed jitqasmu u jaħdmu bit-telework. Fl-uffiċċju kull ġimgħa dejjem ser jitħallew żewġ impjegati biss, wieħed isfel customer care u ieħor fuq biex jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv bi bżonnijiet oħra. Naturalment il-ġimgħa ta' wara, iż-żewġ impjegati l-oħra li jkunu ħadmu mid-dar, ikun immis lilhom biex jidħlu jaħdmu mill-uffiċċju umbgħad.

25.8.6.4 Is-Sindku qal li hawn diversi dipartimenti tal-gvern li qed joperaw hekk u fuq proponiment tiegħu li kien ssekondat mill-Kunsill kollu, din it-talba ġiet milqugħa b'effett immedjat.

25.8.7.1 <u>Overspeeding fl-akwata ta' Ta' Senna</u>
Is-Sindku qal kif qed jirċievi diversi lmenti rigward *speed* esaġerat li qed isir fl-akwata ta' Ta' Senna. Huwa ressaq proposta tar-residenti biex il-kunsill jikkunsidra jweħħel *sleeping policemen*, waħda fi Triq Agostino Portelli u oħra fi Triq Antonio Azzopardi.

25.8.7.2 Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni u ser issir applikazzjoni għaż-żewġ sleeping policemen ma' TM.

25.8.8.1 <u>Fanali Ornamentali ġodda fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1</u>
Tressqet talba biex il-bozoz li hemm fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1 jinqalaw, pero ma jintremewx għax jistgħu jitweħlu fl-akwata ta' Ħalmann u fl-isqaq minnflokk jitweħlu fanali ornamentali biex ikomplu jikkumplementaw l-fanali ornamentali l-oħra li diġa tweħlu fil-villaġġ. Dawn il-fanali ornamentali ġodda l-kunsill jista japplika għalihom bl-għajnuna tar-Reġjun Ċentru, kif diġa għamel għal fanali u bozoz oħra.

25.8.8.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qablet ma' dan il-punt u anke rrimarkat biex jekk filkas waħda minn dawn il-bozoz li ser tinqala minn Sqaq nru 1 Triq il-Kunċizzjoni, titweħħel fil-parti ta' Ħalmann fejn tal-mercedes, viċin il-kamra tad-dawl. Hija qalet li fi seduti preċedenti diġa tkelmet dwar dan il-punt li għandu jiġi trattat bi priorita għaliex dik il-parti tat-triq l-aktar perikoluża biex tgħaddi bil-karozza fid-dlam, minħabba li ċ-ċnut huma baxxi.

25.8.8.3 Is-Sindku reġgħa ħa nkunsiderazzjoni l-punt tas-sinjorina Farrugia pero tenna kif l-ewwel bozoz ser jitweħlu fi Triq Ħalmann in-naħa tal-kappella tal-Kunċizzjoni. Dan għaliex huwa rċieva bosta lmenti li dawl hemmhekk ma hemm xejn u t-triq kerha bil-lejl speċjalment meta t-triq qed tintuża minn tfal biex imorru għall-mużew.

25.8.8.4 Il-Kunsill unanimament approva l-qlugħ tal-bozoz minn sqaq 1 Triq il-Kunċizzjoni u biex dawn jitpoġġew fi Triq Ħalmann u kif ukoll li jinxtraw fanali ornamentli ġodda bl-għajnuna tar-Reġjun biex jitweħlu mill-ġdid fi Sqaq 1 Triq il-Kunċizzjoni.

25.8.9.1 <u>Talba mingħand residenta għal tibdil ta' bozza minn mal-faċċata tagħha fi Triq Preziosi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' residenti li toqgħod fi Triq Preziosi biex il-bozza eżistenti li hija għandha mweħla mal-faċċata tad-dar tagħha tinqala temporanjament sakemm tagħmel l-faċċata. Is- Sindku diġa tkellem ma' din ir-residenta u ssuġġerrixxa li l-bozza eżistenti li hija għandha mal-faċċata tinqala u titweħħel Ħalmann u meta din ir-residenti tlesti l-faċċata titwaħħal bozza ġdida LED.

25.8.9.2 Il-kunsill unanimament aċċetta din it-talba. Din l-ispiża ukoll tista ssir bl-għajnuna u l-fondi tar-Reġjun Ċentru.

25.8.10.1 Tranġar ta' bankina fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Depiro Gourgion
Tressqet talba biex tiġi rranġatha parti minn bankina fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Depiro Gourgion fejn dar numru 9. L-istat ta' din il-bankina ddetorja u ma jistax jibqa kif inhu.

25.8.10.2 Il-Kunsill approva t-tranġar ta' din il-bankina. Qabel ma ġie diskuss l-i*tem* li jmiss, is-Sinjorina Lorraine Farrugia, semmiet ukoll bankina fl-istess akwata, fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Kardinal Ferretti, li kien sar diskussjoni fuqha fi laqgħa oħra, u qalet kif din għadha ma saritx u li għidha fil-lista tax-xogħlijiet pendenti biex issir qabel din il-bankina. Is-Sindku ħa nota ta' dan il-kumment.

25.8.11.1 Bankina ġdida fi Triq il-Mitħna
Ġie propost li tiġi mplementatha bankina ġdida fi Triq il-Mitħna, minn quddiem dar 40 sa dar 48.

25.8.11.2 Din il-proposta ġiet aċċettata.

## 25.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjes oħra

25.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 03/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €33.14 għax-xahar ta' Frar.

25.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien ssekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

25.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li jekk kollox imur kif pjanat għas-seduta li jmis xorta ser tiġi preżentata skeda pero pagamenti ser jibdew issiru bl-onlajn *banking* u *transfers* minnflokk bi ċekkijiet. Dan il-metodu jekk jista jkun ser jiġi introdot b'effett immedjat wara li jsiru l-aħħar arranġamenti mal-bank, għaliex fis-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19 dan il-metodu ta' ħlas huwa l-aktar ideali. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

## 25.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

25.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif Kien hemm xi *fresh plans* fuq PA li l-kunsill kien oġġezzjona fuqu diġa PA 03362/20: *Structural alterations over existing 3 garages and a domestic store at basement level including removal of walls and two staircases. Construction of a staircase at basement level to access ground floor maisonette. Structural alterations at ground floor level including removal of internal walls, two staircases and part elevation. Construction of internal walls and reconstruction of part elevation with a 3m front garden area. Demolition of roof structure at first floor level and installation of a lift. Construction of 3 overlying apartments, and a receded penthouse,* 42, Triq tal-Mirakli, c/w 50 / 52 / 54 / 56, Triq N. Cottoner, Lija.
It-*Town plannar* tal-kunsill ġiet avviċinata biex tagħti daqqa t'għajn ta' dawn il-fresh plans. Filfatt hija ssuġġeriet li l-kunsill jerġa jissottometti oġġezzjoni. Għalhekk hija ġiet mitluba tiprepara ttra ta' rapreżentazzjoni għat-tieni darba biex terġa titella bħala oġġezzjoni u din ir-raprezentazzjoni propja ddaħlet mal-Awtorita tal-Ippjanar fl-4 ta' Marzu 2021.

## 25.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

25.11.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li f'Ħalmann, in-naħa ta' fejn hemm Kinds, inqagħlet jew waqgħet tabella viċin il-kamra tad-dawl, biex jek possibbli jintbgħatu l-ħaddiema fuq il-post ħalli din terġa titweħħel f'posta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

25.11.3 Is-Sur Dalli informa lil kunsilliera kif xi tabelli tan-*no entry* ħlief li jkun hemm aċċess tal-bdiewa, li tweħħlu fi Ħalmann, ġew maqgħluha minn xi ħadd. Filfatt dwar dan sar rapport mal-pulizija. Is-sindku ssuġġerrixxa biex dawn issa jerġġħu jiġu ordnati u jitwaħħlu b'mod immedjat u din id-darba anke jiġi wweldjati ħalli kemm jista jkun ma jerġġħux jinqalaw. Il-Kunsill kollu qabel.

25.11.4 Is-Sindku nforma ukoll li fil-ġnien ċentru rikreattiv reġgħa ġara li xi ħadd qaċċatt żewġ siġriet oħra għalxejn u anke sar vandaliżmu fuq bank. Huwa qal li ser jitlob għall-assistenza tal-pulizija dwar dan kif diġa sar forsi minn qed

jaġġmel dan il-vandaliżmu xi darba jinqabad. Il-Pulizija qed jagħmlu spezzjonijiet pero qatt ma qabdu lil xi ħadd jivvandalizża filfatt.

25.11.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet żewġ rimarki relatati mal-fergħa tal-Posta li hemm fi Triq Mikielanġ Borg. L-ewwel rimarka kienet biex forsi jsir kuntatt mal-posta biex jneħħu l-kaxxa li għandhom fuq barra jekk m'għandix użu għaliex qed tkun ta' żgombru fuq il-bankina għal min jgħaddi bi pushchair. It-Tieni, hija staqsiet jekk tistax titweħħel tabella fil-viċin biex sidien tal-karozzi li jiefqu quddiem il-posta jitfu l-magni sakemm ikunu fil-fergħa u qed jinqdew. Fuq iż-żewġ rimarki s-sindku qal li ser jara kif jagħmel kuntatt mal-*postmaster* biex il-kaxxa titneħħa jekk m'għandix użu u biex mal-vetrina jweħħel tabella hu biex ma jitħallewx vetturi bil-magna mixawla. Dwar it-tieni punt huwa qal biex jekk filkas l-kunsill jista anke jitlob għall-assistenza tal-gwardjani biex iwissu lil sidien tal-vetturi jitgħfu l-magni.

25.11.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia semmiet kif hija riċenti attendiet għal onlajn webimar tal-AKL li kien jitratta dwar l-indafa pubblika. F'dan il-webinar saret preżentazzjoni minn EKO skola fejn ġie nkoraġixxiet biex kunsilli lokali jikkollaboraw aktar mal-inizjattivi ambjentali ta' EKO skola. EKO skola ġentilment talbet biex isiru kontribuzzjonjiet fejn titħallas membership fee żgħira ta' 15 EURO bħala sapport. Is-Sindku għamel ir-riservi tiegħu dwar dan il-punt u ma qabilx li din il-membership titħallas minħabba l-fatt li EKO skola b'hekk jaf umbgħad ikolla dritt tutilizza ċertu fondi tal-UIF biex tagħmel proġetti ambjentali minnflokk l-kunsill u b'hekk l-kunsill jispiċċa jitlef iċ-ċans li juża dawn il-fondi hu għal ġid tal-lokal. Is-sindku jippreferi perżempju jsir sqaq fir-raħal bil-fondi tal-UIF milli jingħataw lil EKO Skola. Il-Kunsill jista jagħti għajnuna lil EKO skola bi modi oħra.

25.11.7 Inkonnessjoni ma' webimar li attendiet, is-Sinjorina Lorraine Farrugia proponiet biex isiru korsijiet mar-*Richmond foundation* dwar *mental health and stress management* fejn qalet li mqar ssir sezzjoni onlajn, darba waħda biss lir-residenti. Is-sindku qal li huwa jidirlu kif dawn il-korsijiet diġa qed jiġu offruti jew hemm ħsieb jiġu offruti għall-pubbliku mir-Reġjun Ċentru. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja mar-Reġjun Ċentru dwar dan.

25.11.8 Is-Sur Ċini fakkar kif fi Mejju 1921 nkitbet l-kostituzzjoni ta' Malta u qal li din propju nkitbet fi Ħal Lija fit-Torri Belvedere dak iż-żmien. Huwa kompla jgħid kif peress li Mejju daqt magħna u wkoll f'Mejju suppost għandu jkun lest ir-restawr tat-Torri, jekk kollox jibqa pjanat kif inhu, huwa jixtieq li bħala kunsill kemm ukoll għar-raħal u kif ukoll għal pajjiż kollu ssir bħal kommemorazzjoni żgħira ta' dan l-avveniment. Is-Sur Ċini qed jissuġġerrixi li titweħħel plakka mat-torri li turi u tibqa tfakkar din id-data u li l-kostituzzjoni propju nkitbet ġewwa Ħal Lija fit-Torri Belvedere. Dwar din il-proposta s-sindku ma sabx oġġezzjoni u qal li l-kunsill jista jaħseb dwarha u jkompli jiddiskuti dwarha fis-seduta li jmiss. Is-Sur Dalli qal li jixtieq anke jakkwista ritratt tal-assemblea preżenti dak iż-żmien biex anke jitweħħel fl-uffiċċju bħala simbolu tal-istorja ta' Malta. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ser tiprova tassisti lis-sindku billi tara ssibx mezz kif tiprovdi dan ir-ritratt.

25.11.9 Il-laqgħa ntemmet fil-6:07pm.

25.11.10 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa 7 ta' April 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:30pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 7 ta' April 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |